MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 806/2001/1

**Michelle El Hossayes.**

**vs.**

**Pauline Mintoff li b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Mejju, 2001 giet nominata bhala kuratrici ta' l-assenti Hatim El Hossayes.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fis-6 ta' Dicembru, 1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "MH 1";

Illi l-kunsens tal-partijiet imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, li, kif ukoll jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha mpossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-6 ta' Dicembru, 1997 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4. tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici Michelle El Hossayes tat-8 ta' Mejju, 2001 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta kuraturi deputati halli jirrapprezentaw lill-konvenut assenti fl-atti tal-kawza u jekk ikun il-kaz f'kull att iehor relattiv sussegwenti;

Rat in-nota tas-17 ta’ Mejju, 2001 fejn Pauline Mintoff accettat li tirrapprezenta lill-konvenut fl-atti tal-kawza;

Rat id-digrieti tal-11 ta’ Mejju; tat-23 ta’ Mejju, 2001;

Rat il-verbali tat-2 ta’ Mejju, 2002 fejn inghata digriet affidavit attrici b’terminu ta’ hamsin (50) jum; tad-29 ta’ Ottubru, 2002 fejn gie estiz iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’erbghin (40) jum mid-data ta’ dan il-verbal; ta’ l-4 ta’ Frar, 2003 fejn il-Qorti nnutat li l-folder a fol. 21 tal-process ma jirreferix ghal dan il-kaz stante li Dr. Peter Fenech qatt ma kien kuratur fl-istess kawza u ordnat li t-tali folder jigi sfilzat.

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-6 ta’ Novembru, 2002 li biha esebiet l-affidavit taghha stess u ta’ Maria Mintoff;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>I) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi **l-attrici Michelle El Hossayes** fl-affidavit taghha tghid:-

*Illi jiena zzewwigt lil Hatim Zeky El Hossayes fis-16 ta' Lulju 1997 u minn dan iz-zwieg kellna tifla, Sarah li llum-il gurnata ghandha sentejn.*
*Illi nghid li l-konvenut huwa ta' nazzjonalita' Egizzjana. Jiena u l-konvenut domna erba' (4) xhur gharajjes. Xahar wara li zzewwigna l-konvenut qalli li xtaq imur jara l-familja tieghu gewwa l-Egittu. Fil-fatt jiena tajtu l-flus biex imur jara l-familja tieghu u dan peress li l-konvenut kien qieghed. F’ dik l-okkazzjoni l-Egittu dam xahar u meta kif gie lura jiena kont ghidtlu li kien wasal iz-zmien hu jsib xoghol. Tul iz-zmien li ghamel Malta kien jaghmel erba' xhur Malta u xahar l-Egittu.*

*Illi nghid li f'dak il-perjodu jiena stess kont nahdem. Il-konvenut qatt ma wera interess li jsib xoghol biex ikun jista' jghajjex il-familja. Fil-fatt kont inkun jien li nirsisti li nsiblu xoghol pero' hu l-anqas kien idum gimgha jahdem ghax kien jitlaq mix-xoghol. Il-konvenut qatt ma refa' r-responsabiltajiet ta' ragel mizzewweg. Ma kienx jahdem u kien jorqod matul il-gurnata filwagt li filghaxija kien johrog mal-hbieb, jibqa' barra il-lejl kollu, u jidhol id-dar fil-hamsa ta' filghodu. Kien ikollna hafna argumenti minhabba din il-kwistjoni.*
*Illi kien ghamel perjodu qasir ma johrogx mal-hbieb pero' meta sar jaf li kont tqila rega' beda l-inkwiet. Kien rega` qabad johrog mal-hbieb. Hu kien vjolenti hafna fil-konfront tieghi. F' okkazzjoni minnhom meta kelli xahrejn tqala kien hareg barra u kien dam sa kmieni filghodu barra, niftakar li kien gie lura d-dar xurban pero' jiena ma kont ghidtlu xejn dak il-hin. Dakinhar jiena ma kontx mort xoghol biex nistennih jqum. Meta qam kont ghidtlu bil-kalma kollha li jiena ma kontx naqbel mal-kumpanija ta' hbieb li kien qed izomm u li kien wasal iz-zmien li jerfa' r-responsabilitajiet tieghu. F'daqqa u sabta kien attakani fizikament. Kien taghni daqqiet fuq wicci, qattali l-hwejjeg minn fuqi u taghni daqqiet ta' sieq u dan mikejja li kien jaf li kont tqila. Beda jghidli kliem oxxen hafna u qalli biex ma nindahalx u biex noghod f'posti. Din li ddeskrivejt ma kenitx l-unika okkazzjoni fejn il-konvenut uza vjolenza fugi. Nghid ukoll li hu kien jheddidni l-hin kollu.*

*Illi meta gejt biex inwelled it-tarbija jiena kont waqaft minn fuq ix-xoghol. Jiena kont tlabtu biex nixtru l-affarijiet ghat-tarbija imma l-konvenut kien qalli li m'ghandux flus ghalhekk. Fil-fatt l-affarijiet li kelli bzonn ghat-tarbija kienet xtrathomli kollha ommi. Il-konvenut qatt ma ikkontrihbwixxa xejn ghall-hajja u qatt ma gheni bil-flus. Tant hu hekk li meta waqaft nahdem ix-xirja kienet tghamilhieli ommi bi flusha.*
*Illi meta t-tifla kellha xahrejn konna tlajna l-Egittu ghal btala ta' xahar. Imma flok xahar spiccajna naghmlu sitt xhur. Biex ikollna flus bizejjed biex nitilghu l-Egittu kelli inbiegh kull ma kelli inkluz il-magna tal-hjata u l-washing machine. Anke meta konna l-Egittu l-konvenut ma kienx jaghtini xejn ghat-tifla. Gewwa l-Egittu konna noqghodu*

*go flat tal-genituri tieghu. Tul dak il-perjodu hu kien ikun il-hin kollu mal-hbieb u jiena hafna mill-hin kont inqattghu wahdi mat-tarbija gol-flat. Tul dawk is-sitt xhur kien isawwatni ta' sikwiet.*
*Illi wara li ghaddew sitt xhur jiena nzilt lura wahdi Malta mat-tifla ghal gimghatejn biex nara l-familja tieghi pero' wara gimgha gie lura Malta hu wkoll. Il-hajja taghna ma kienet stabbli xejn. Il-konvenut kien jaghmel gimgha Malta u gimgha barra minn Malta, hu kien jghidli li kien qed isiefer mal-hbieb. Meta kien isiefer jiena kont immur ghand ommi ghax ma kienx iridni nibqa' d-dar wahdi. Fil-fatt konna nitilqu mill-flat li nkunu krejna u meta jigi lura konna nergghu infittxu flat gdid. Dak iz-zmien jiena kont ftaht rikors ghal separazzjoni personali imma kont irtirajtu biex naghtih cans iehor. Nghid ukoll li meta kellna l-Qorti il-konvenut kien telaq lejn pajjizu. F'din il-hajja domna ghaddejin sitt xhur.*
*Illi wara li ghaddew dawn is-sitt xhur konna ergajna tlajna l-Egittu. Il-konvenut kien qed isir dejjem aktar vjolenti fil-konfront tieghi. Ma kienx ihallini nohrog mid-dar, kien isawwatni hafna, u kien jheddidni biex ma niftahx halqi. Nghid li l-fanilja tieghu gewwa l-Egittu kienu jafu bis-sitwazzjoni li kont ninsab fiha. Jiena kont kellimt lill-missieru u ghidtlu li xtaqt insib xoghol, pero' ghalkemm missieru kien sabli xoghol jiena ma kontx kwalifikata bizzejjed, missieru offra li jghini hu finanzjarjament u dan peress li kien jaf f'liema sitwazzjoni kont ninsab fiha.*

*Illi l-konvenut qatt ma kien jaghti kaz lit-tifla, u lanqas qatt ma kien jilghab maghha. Lit-tifla kien jirreferi ghaliha bhala `baghalha'. Meta kien ikun irrabjat kien ikissrilha il-gugarelli kollha. F'okkazjoni minnhom kien se jifgani. Kellu habta l-ewwel isawwat lili u mbaghad jaqbad l-affarijiet tat-tifla u jqattahhom. Ghalih qisu qatt ma ghamel xein hazin. Lili kien isawwatni quddiem it-tifla, pero' meta kien jipprova jsawwat lit-tifla qatt ma rnexxielu ghax jiena kont inwaqqfu fil-hin. Darba minnhom qalli li se jwaddab lit-tarbija mill-gallarija ghal isfel. Kont naf li t-tifla ma kontx nista' nafdaha mieghu. U minn hemmhekk jiena kont hadt id-decizjoni li ma stajtx nghaddi aktar f' din il-hajja. Nghid li l-konvenut lili kien ikeccini mid-dar u niftakar li missieru kien qalli biex naghti cans iehor u fil-*

*fatt kien qal lil ibnu biex jaghmel il-bagalja u jmur mieghu id-dar. Jiena kont bqajt fil-flat wahdi mat-tifla ghal xi xahar u biex nghixu jiena u t-tifla kien itini l-flus missieru. Darba minnhom cemplet ommi u ghedtilha biex taqtghali one may ticket biex immur lura d-dar illum qabel ghada. Xi tlett ijiem wara lestejt il-bagalja u ghidtilhom li sejra ghal vaganza Malta. Il-konvenut kien heddidni li se jqattaghli l-passaport u l-biljetti u qalli li kien se jkolli norqod barra. Fil-fatt kien missier il-konvenut li kien zammli l-passaport u l-biljetti fis-safe tieghu u gie mieghi l-airport. Qabel ma nzilt lura Malta il-konvenut seraqli d-deheb tieghi kollu u nofs id-deheb tat-tifla. Sahansitra ried jiehu l-flus kollha li kelli.*

*Illi jiena gejt lura Malta fil-21 ta' Awissu 2000 u mill-ghada stess kont rgajt bdejt il-proceduri ghas-separazzjoni.*

*Illi minn dakinhar l'hawn il-konvenut qatt ma gie lura biex jara lit-tifla, qatt ma wera nteress fiha jew baghat xi flus biex imantiniha. Illum il-gurnata jiena u t-tifla nghixu ma' ommi.*

*Illi tul iz-zwieg qatt ma xtrajna ebda propjeta' u l-ftit mobbli li kellna kollha bieghejnihom qabel ma tlajna l-Egittu.*

Illi **Maria Mintoff**, omm l-attrici, fl-affidavit taghha tghid:

*"Nghid li jiena omm l-attrici, Michelle El Hossayyes. Nghid li lill-konvenut Hatim Zeky El Hossayes, jiena kont nafu ftit li xejn qabel ma zzewweg lit-tifla. Ghall-ewwel meta zzewwgu kellhom flat mikri l-Qawra pero' wara xahar li kienu ilhom mizzewwgin il-konvenut kien telaq lura lejn pajjizu wahdu ghall-btala. Fil-fatt kemm damu jghixu flimkien huwa kien isiefer ta' sikwit wahdu u kull darba li jsiefer kien igib lil martu d-dar tieghi. Kien jaghmel erba' xhur hawn Malta u jerga jsiefer lejn pajjizu. Hu kompla b' din is-sistema sahansitra meta martu kienet tqila.*
*Illi l-konvenut ma kienx imanti lil martu la meta kien Malta u l-anqas meta kien barra minn Malta. Hu lanqas biss kien jibghatilha flus minn hemm, qisu ma halla l-hadd*

*warajh. Meta binti kienet tkun ghandi l-konvenut lanqas biss kien icemplilha hlief meta kienu jiggieldu. Kienet aktar Michelle li kienet iccempillu meta kien ikun barra minn Malta. Kemm damet mizzewwga aktar ghamlet zmien id-dar ghandi milli tghix mar-ragel.*
*Illi nghid li meta l-attrici kienet se twelled lit-tifla kont jiena li xtrajtilha l-affarijiet li kien hemm bzonn ghax il-konvenut ma ried jixtri xejn ghat-tarbija. Ukoll meta kienet tqila, kont immur jien maghha ghall-visti ghand it-tabib ghax il-konvenut qatt ma wera nteress, u meta kien hemm bzonn il-medicini kont nixtrihomlha jiena. Meta twieldet it-tifla kont bqajt nixtrilha kollox jien, ghax il-konvenut ma kienx imantiha. Fost affarijiet ohra kont nixtri halib, hrieqi u hwejjeg ohra. Jiena kont nixtrilha hafna affarijiet lil-binti, fost affarijiet ohra kont xtrajtilha l-washing machine, television, u sahansitra kont nixtrilha x-xirja ta' kuljum. Il-konvenut kien biegh l-appliances li kont xtrajt lill-attrici biex imur lura l-Egittu.*
*Illi sirt naf li meta it-tifla kellha xahrejn tqala hu kien isawwatha hafna. F' okkazzjoni minnhom hi kienet giet ghandi u rajtilha tbengilha kbira f'imnehirha. Jien kont staqsejtha x'gara pero' hi kienet hbiet il-verita' minni. Nghid illi ahna lill-konvenut konna nistmawh id-dar.*

*Illi tul kemm damet tghix mieghu binti siefret darbtejn pajjizu, u cjoe` l-Egittu. Hemmhekk hu kien isawwatha hafna. Fil-fatt meta nizlet lura Malta t-tieni darba, it-tifla kienet irqaqet hafna u giet lura qisha skeletru.*

*Illi meta kienet tkun l-Egittu jiena kont kellimtha fuq it-telephone pero` ghalkemm kont nismaghha mdejjqa, qatt ma qaltli b'xejn. Gurnata minnhom kienet cemplitli d-dar Polly Mintoff, il-mara tat-tifel, li qaltli li meta cemplitilha Michelle din kienet bdiet tibki fuq it-telephone. Meta Polly qaltli b'dan, jien fil-pront cempilt lit-tifla l-Egittu u qaltli xi ftit mill-affarijiet li kienet qed tghaddi minnhom. Qaltli wkoll li xtaqet titlaq mill-Egittu. Jiena rrangajt biex nixtrilha biljett ta' l-ajru. Xi jumejn wara din il-konverzazzjoni it-tifla nizlet mill-Egittu flimkien mat-tarbija u b'dawk l-affarijiet li setghet tnizzel. Nghid ukoll illi jiena staqsejtu ghaliex riedet titilqu. Niftakar ukoll li kien qalli li kienet naqset hafna mill-piz biex inkun preparata ghal meta tigi lura.*

*Illi llum il-gurnata t-tifla u t-tarbija ilhom kwazi sena jghixu mieghi. Il-konvenut lanqas qatt ma offra li jaghtiha manteniment u lanqas qatt ma ta ebda manteniment, la ghaliha u lanqas ghat-tarbija. Lanqas meta kien hawn, lanqas qatt ma taha xejn."*

## (I) PRINCIPJI LEGALI.

### (i) DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.

Illi l-**artikolu19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (vide **"Angela Spiteri nee Selvaggi vs Jseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li :-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita". (**Clagiovanni** –* **Forum 1990**, *Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:-

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F***. **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe`:-

- *La piena avvertenza*

- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva." ……*

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita' affettiva ……… la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)". (**Bersini F.*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring". (**Viladrich , P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated "** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial; Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta Mejju 1990 **coram Bajada. Forum 2 (1991)** pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-

*"Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake* ***(Bruno,*** 30 ta' Mejju 1986 **"Monitor Ecclesiasticus LXII"** (1987) 542/543)."

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif sostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr.Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP).

**(II) QERQ.**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".* (***Viladrich P.J.*** **Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

## (III) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-FATTISPECIE TAL-KAZ.

Illi mill-provi prodotti w fuq riportati jirrizulta li l-konvenut ma kellu l-ebda ideja dwar f'hiex tikkonsisti l-hajja mizzewga, wisq inqas fuq id-dmirijiet u l-obbligi naxxenti mill-istess, u x-xhieda prodotta mill-attrici hija sensiela shiha ta' atti abbusivi li l-istess konvenut kkometta fil-konfront taghha nkluz mohqrija u swat, u dan apparti l-fatt li l-istess konvenut ghex minn fuq l-attrici ghaz-zmien

kollu li dam maghha, kemm Malta u kemm f'pajjizu l-Egittu.

Illi minn certu aspett dan it-trattament ta' l-attrici mill-konvenut fiz-zmien ta' llum, fejn id-drittijiet tan-nisa qed jigu kull ma jmur izjed rikonnoxxuti fil-ligi, jista' jinstema li huwa inkredibbli, pero' sfortunatament il-vjolenza domestika hija realta' ta' llum ukoll, li din il-Qorti fil-kawzi tal-familja qed tiltaqa' spiss maghha, anke fir-rigward taz-zwigijiet (jekk jistghu jissejjhu hekk) misti, fejn l-irgiel ikunu gejjin minn kultura ghal kollox differenti.

Illi dan qed jinghad peress li f'diversi kazi, specjalment istitwiti mill-mara mizzewga, kemm f'separazzjonijiet u kemm f'kawzi ta' annulamenti taz-zwieg, u f'dawn l-ahhar kawzi imsemmija, fil-kaz ta' zwigijiet civili, qed ikun hemm diversi allegazzjonijiet ta' swat soffert mill-mara u kommess mir-ragel, li huma replika ta' xulxin, u fejn l-konvenut ikun hafna drabi strangier, ghalkemm diversi kazi ta' Maltin jezistu wkoll. Certament li hemm bzonn iktar taghlim, u mezzi ta' support ghall dawn l-istess individwi li jisfaw vittmi ta' vjolenza domestika, apparti forsi ligijiet adatti sabiex dan l-abbuz ma jibqax isehh, u jigu wkoll punit.

Illi jekk wiehed jerga` jigi ghal dan il-kaz, jidher car mill-provi prodotti, li l-konvenut lanqas biss kellu idea ta' x'inhu zwieg, almenu skond il-kultura taghna, *stante* li huwa fil-hajja tieghu mizzewweg ma' l-attrici, abbuza minnha f'diversi modi, anke vjolentement, qatt ma haseb jew agixxa bhala ragel taghha, jew missier tal-wild tieghu tant li qatt ma mantniha, izda litteralment ghex minn fuqha, u wkoll kien il-boghod li jghix haga wahda ma' l-istess attrici, ghaliex baqa' jaghmel fattih mill-bidu sa' l-ahhar. Tant kien konsistenti f'dan l-agir dispreggattiv tieghu lejn martu, li m' hemm l-ebda dubju f'ghajnejn il-Qorti, dejjem abbazi tal-provi prodotti, li l-konvenut qatt ma seta` kellhu d-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhol f'dan hekk imsejjah zwieg.

Illi da parte ta' l-attrici ma jidhirx car ghaliex izzewget lill-konvenut, meta kien jidher car mill-bidu nett li l-istess

konvenut ma kienx ippreparat li jghix bhala familja maghha, ghaliex la kien u lanqas ipprova jahdem, la haseb dwar xejn ghal wara z-zwieg, u lanqas wera xi rispett partikolari lejha, izda deher li kien komdu li l-attrici tahdem ghalih u huwa jghix minn fuqha. Jidher fil-fatt li l-istess attrici, ghal xi raguni li taf hija biss, kienet infatwata bil-konvenut, b'tali mod u manjiera li hija kienet inkapaci li tifforma l-kunsens necesassarju ghall-hajja mizzewga ma' l-istess konvenut, b'dan li l-istess kunsens kien bilfors difettuz, u dan huwa iktar u iktar sinifikanti meta wiehed jikkonsidra li l-kunsens necessarju ghaz-zwieg huwa wiehed specjali, kemm ghaliex jittratta dwar il-hajja ta' bniedem ghaliex l-konsegwenzi ta' tali kunsens igibu bidla kbira f'dawk li huma drittijiet ta' persuna verso l-ohra, u wkoll ghaliex fil-ligi taghna dan huwa kunsens ghall-kuntratt li jibqa' veljanti ghall tul il-hajja tal-bniedem kollha, u jinhall biss bil-mewt, apparti n-nozzjoni ta' separazzjoni, li ma thassar xejn minn din l-indossubilita' taz-zwieg.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens ta' l-attrici kien ukoll hekk vizzjat *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)** peress li l-attrici kienet f'dak il-mument partikolari tal-hajja taghha impossibilitata' milli taghti kunsens validu taz-zwieg u sabiex tifhem l-elementi essenzjali tal-istess, tant li kienet ukoll impeduta li taghraf dak li rejalment kien qed jigri lilha.

Illi dwar l-allegazjoni ta' qerq li l-attrici sostniet li l-konvenut prattika fuqha dwar xi karatteristici tal-karattru tieghu, dwar dan m' hemm l-ebda prova da parte ta' l-attrici, anzi mill-provi prodotti jidher li l-konvenut agixxa bl-istess mod kemm qabel u kemm wara z-zwieg, b'dan li l-irresponsabilita' tieghu kienet punt konstanti fil-hajja tieghu ma' l-attrici, tant li jidher li almenu missieru meta kien l-Egittu ssimpatizza ma' l-istess attrici.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet, izda mhux abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-23 ta' Mejju 1999 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------